# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 10/2022/1 AGV**

**Luca Cachia**

**v.**

**Direttur Reġistru Pubbliku; Daniela Cachia;**

**u Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia fil-kwalità tagħhom bħala eredi leġittimi tal-mejjet Joseph Bellia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia kontra deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Lulju, 2023 fejn din ordnat it-titligħ mill-qabar tal-fdalijiet tal-mejjet Joseph Bellia u t-teħid ta' kampjuni ġenetiċi kemm minn

fuq dawn il-fdalijiet u kif ukoll minn fuq l-attur Luca Cachia, sabiex isir tqabbil bejn dawn iż-żewġ kampjuni, bil-għan li jiġi stabbilit jekk l-attur Luca Cachia huwiex il-wild naturali tal-mejjet Joseph Bellia.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-17 ta' Jannar, 2022, l-attur fisser li huwa twieled nhar is-27 ta' Jannar, 2002 minn relazzjoni barra miż-żwieġ bejn il-konvenuta Daniela Cachia u l-mejjet Joseph Bellia, li kien miżżewweġ, u b'hekk fl-att tat-twelid tiegħu ġie mniżżel bħala iben ta' missier mhux magħruf. Spjega li ommu kienet qaltlu li huwa iben Joseph Bellia u li dan tal-aħħar kien jaf li kien missieru u kien dejjem iqis lill-attur daqslikieku kien ibnu. Żied jgħid li kemm hu hekk, ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn Joseph Bellia tjiebet tant li l-attur kien iżur lil dan tal-aħħar fuq il-post tax-xogħol biex jitgħallem mingħandu. Tenna wkoll li Joseph Bellia kien ta' spiss jgħidlu li huwa kien sejjer jieħu l-passi meħtieġa sabiex ilaqqgħu ma' wliedu l-oħra u jgħarfu formalment bħala ibnu.

3. L-attur jgħid li madankollu Joseph Bellia ġie nieqes f'inċident fuq il-post tax-xogħol u b'hekk ma setax jgħarfu bħala ibnu minkejja li din kienet ix-xewqa tiegħu. Huwa sostna li għandu kull interess li jsir l-istħarriġ ġenetiku meħtieġ sabiex il-paternità tiegħu tiġi stabbilita uffiċjalment fl-att ta' twelid tiegħu. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja) sabiex:

> *«i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur Luca Cachia huwa l-wild naturali tal-mejjet Joseph Bellia okkorrendo bl-opera ta' periti tekniċi u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki ġenetici mill-fdalijiet tad-defunt; u*
>
> *ii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-attur Luca Cachia inter alia sabiex l-istqarrija 'Unknown Father' tiġi ssostitwita bil-konnotati tal-imsemmi Joseph Bellia u l-konnotati u d-dettalji l-oħra kollha tiegħu rikjesti mil-liġi kif ukoll kull dettall ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom inġunti minn issa stess għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fis-17 ta' Frar, 2022 u laqgħu għat-talbiet tal-attur b'dawn l-eċċezzjonijiet: (i) li l-attur għandu jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħed isejjes il-kawża tiegħu; (ii) li l-konvenuta Daniela Cachia m'għandhiex interess ġuridiku f'din il-kawża minħabba li t-talbiet tal-attur ma jikkonċernawx lilha; (iii) li b'din il-kawża l-attur qiegħed jipprova jmur *forum shopping* billi diġà ġie ppreżentat rikors ieħor bl-istess mertu li mbagħad ġie ċedut; (iv) li l-lista ta' xhieda mogħtija mill-attur ma tħarisx l-**Artikolu 156(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u li x-xhieda kollha li l-attur beħsiebu jressaq jridu jiġu indikati b'isimhom; (v) li huma joġġezzjonaw li l-fdalijiet ta' missierhom jiġu mittiefsa sabiex isiru t-testijiet ġenetiċi; u (vi) li huma qegħdin jikkontestaw it-talbiet tal-attur bħala mhux imsejsa, la bil-fatti u lanqas bil-liġi.

5. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wkoll wieġeb għar-rikors maħluf

fis-17 ta' Frar, 2022, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet: (i) li huwa ma jaf xejn dwar il-fatti mistqarra fir-rikors maħluf; (ii) li l-Qorti għandha tistieden lill-partijiet sabiex jersqu għat-testijiet ġenetiċi, kif hemm imfisser fl-**Artikolu 100A tal-Kodiċi Ċivili**, u dan sabiex jiġi stabbilit jekk il-mejjet Joseph Bellia huwiex tassew il-missier naturali ta' Luca Cachia; (iii) li jekk kemm-il darba l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, għandhom jiġu ppreżentati fl-atti d-dettalji kollha meħtieġa tal-mejjet Joseph Bellia; (iv) li għandu jiġi deċiż b'mod definittiv il-kunjom li għandu jieħu l-attur Luca Cachia; u (v) li huwa ma jaħti xejn għall-kawża li fetaħ l-attur u għalhekk m'għandu jeħel ebda spejjeż ta' din il-kawża.

6. Imbagħad, fit-18 ta' Frar, 2022, wieġbet għar-rikors maħluf il-konvenuta Daniela Cachia fejn din stqarret li hija m'għandhiex oġġezzjoni għat-talbiet imressqa mill-attur.

7. Waqt is-seduta tas-7 ta' April, 2022, l-attur iddikjara li huwa qiegħed isejjes il-kawża tiegħu fuq l-**Artikolu 86A tal-Kodiċi Ċivili**. Fl-istess seduta l-konvenuti Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia rtiraw l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tagħhom.

8. Fuq talba magħmula mill-attur waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddekretat li d-deċiżjoni tagħha kienet sejra tinqasam f'biċċtejn: (i) waħda dwar l-ewwel talba sa fejn

għandu x'jaqsam mat-talba biex isiru t-testijiet ġenetiċi; u (ii) oħra dwar il-bqija tat-talbiet imressqa mill-attur.

9. B'deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2023, l-Ewwel Qorti laqgħet f'parti minnha l-ewwel talba tal-attur Luca Cachia billi: (i) ordnat it-titligħ mill-qabar tal-ġisem ta' Joseph Bellia; (ii) ħatret lil Dr Mario Scerri bħala espert forensiku sabiex jindokra u jmexxi l-eżumazzjoni tal-imsemmi Joseph Bellia u jieħu l-fdalijiet tiegħu fil-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei skont il-protokoll meħtieġ; (iii) ħatret lil Dr Marisa Cassar bħala espert sabiex teżamina l-fdalijiet maqlugħa mill-qabar u tieħu kampjun ġenetiku minnhom u tieħu wkoll kampjun ġenetiku minn fuq Luca Cachia biex b'hekk twettaq l-istħarriġ meħtieġ fuqhom u tirrapporta lura lill-Qorti r-riżultanzi tat-tqabbil bejn dawn iż-żewġ kampjuni ġenetiċi; (iv) awtorizzat lill-partijiet jew lil nies mqabbda minnhom sabiex waqt it-tneħħija mill-qabar tal-fdalijiet tal-mejjet Joseph Bellia, ikunu preżenti biss bħala osservaturi; (v) ordnat li l-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa, jiġu mgħarrfa bl-ordni ta' eżumazzjoni; u (vi) ordnat li l-ispejjeż marbuta mal-eżumazzjoni tal-fdalijiet tal-mejjet Joseph Bellia u mat-teħid u l-istħarriġ tal-kampjuni ġenetiċi għandhom jitħallsu proviżorjament mill-attur Luca Cachia filwaqt li l-ispejjeż marbuta ma' din id-deċiżjoni għandhom jibqgħu mħollija għall-ġudizzju finali.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Illi fil-każ odjern, l-allegat missier, ossia Joseph Bellia ġie nieqes nhar id-9 ta' Marzu 2021 u għalhekk mhux lakemm wieħed jordna li jittieħed is-solitu kampjun bejn l-allegat missier u l-wild, f'dan il-każ ir-rikorrent, u għalhekk din il-Qorti ser tapprofondixxi f'dan ir-rigward.*

*Dawn iż-żewġ proċeduri, għalkemm mhux daqstant komuni, jirriżulta li ġew segwiti fi proċeduri quddiem il-Qrati nostrana fejn l-allegat ġenitur kien mejjet:*

*i. Il-proċedura tal-eżumazzjoni tal-mejjet u t-teħid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tal-istess ġiet ordnata li ssir mill-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet* ***Glenda Farrugia noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Ottubru 2014. Barra minn hekk jidher li hemm ukoll kawżi pendenti fejn il-Qorti ordnat li ssir tali proċedura, iżda liema kawżi l-Qorti tagħżel li ma tagħmilx referenza speċifika għalihom minħabba li l-iter tal-kawża għadu għaddej. Fil-każ surreferit ta' Glenda Farrugia noe, jirriżulta illi l-attriċi intavolat rikors f'dan is-sens, liema talba ġiet akkolta minn din il-Qorti, iżda diversament presjeduta, u konsegwentement ġie nnominat espert għall-eżumazzjoni tal-fdalijiet u kif ukoll espert ieħor sabiex jeleva l-kampjuni u jagħmel it-testijiet neċessarji;*

*ii. Il-proċedura tat-teħid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-qraba tal-mejjet, ġiet segwita:*

*a. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Leontine Bondin v. Domenica Bondin et*** *deċiża nhar it-8 ta' Novembru 2019, fejn "Dr. Marisa Cassar xehdet a fol 35 et seq illi jekk isir test ġenetiku fuq l-omm, iż-żewġ ulied u z-ziju tal-ulied dan ikun jista' jistabbilixxi li VC huwa missier l-attriċi f'persentaġġ ta' aktar minn 80%", u kif ukoll,*

*b. Fis-sentenza fl-ismijiet ta'* ***Nathalie Sultana et v. Dr Mark Mifsud Cutajar et noe****, deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2018, mhux appellata, fejn:*

> *«Xehdet ukoll l-istess Dr. Marisa Cassar fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, li kkonfermat li peress li f'dan il-każ ma kienx hemm disponibbli l-kampjun tal-mejjet, użat kampjun ta' membru tal-familja tiegħu, ċjoè ta' ommu E Mc Manus u ħaddmet, pjuttost milli normal paternity test, dak li jissejjaħ avancular index fejn ikun intuża kampjun ta' rappreżentant tal-allegat missier. Kompliet tispjega illi l-kampjuni ttieħdu minn fuq il-persuna tal-attriċi Natalie B, tat-tifla C B, kif ukoll ta' omm l-allegat missier bħala xi ħadd li jiġi minnu. Ix-xhud ikkonfermat illi wara li ġew imqabbla l-profiles ta' A B ma' dawk ta' bintha, jirriżulta li m'hemmx dubju li A B hija omm C B, u kkonfermat ulterjorment illi dan it-test ikkonkluda wkoll li wieħed ma jistax jeskludi li t-tifel ta' E Mc Manus huwa missier C B. Ix-xhud fissret li din il-konklużjoni ġiet raġġunta abbażi tal-persentaġġ ta' 99.74% li, għal każ rappreżentattiv għall-finijiet tal-*

> *avancular test, huwa riżultat għoli ħafna li juri li l-probabbiltà li bin E Mc Manus huwa l-missier ta' C B, hija 99.74%.»*

*Għalkemm f'dawn iż-żewġ istanzi ma jidhirx li kien hemm reżistenza jew diżgwid dwar il-proċeduri per se; kif teżisti fil-każ odjern.*

***IKKUNSIDRAT:***

*Din il-Qorti taqbel ma' dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, fis-sentenza* ***Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine*** *deċiża fid-29 ta' Jannar, 1970 li:*

> *«Il-liġi, konsistentement mal-ġustizzja u mas-serjetà u d-dinjità tagħha, għandha sservi ta' strument soċjali kostruttiv, li biha n-nies għandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u ħajja mhux dewmien evitabbli u aridità li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilità u xettiċiżmu fost il-poplu kontra l-liġi.»*

*Illi kif inhu risaput, mal-mewt ta' ġenitur, li ġġib magħha t-tmiem tal-kapaċità ġuridika, l-eredi tal-mejjet għandhom l-obbligu li jidħlu fiż-żarbun tal-istess u jassumu l-personalità ġuridika minfloku. Ghalkemm il-Qorti tifhem li jista' jkun li teżisti l-possibbiltà li l-konvenuti, aħwa Bellia, jinsabu maħkuma minn biża' li jaffaċċjaw il-possibbiltà li l-attur jaqsam id-DNA tagħhom, din il-Qorti trid issib bilanċ bejn id-drittijiet ta' kulħadd, inkluż tal-attur.*

*Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-provi kollha, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi t-talba tal-attur hija ġustifikata.»*

11. Wara li ngħataw permess mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-konvenuti Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia appellaw minn din id-deċiżjoni b'rikors imressaq fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn talbu t-tħassir tagħha.

12. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għal dan l-appell fl-1 ta' Diċembru, 2023 fejn iddikjara li sejjer joqgħod għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, filwaqt li l-attur Luca Cachia wieġeb fil-11 ta' Jannar, 2024 u ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li l-appell tal-konvenuti Bellia għandu

jiġi miċħud. Il-konvenuta Daniela Cachia ma weġbitx għall-appell iżda fid-19 ta’ Jannar, 2024 hija ressqet nota fejn iddikjarat li hija taqbel mal-argumenti mressqa minn Luca Cachia fit-tweġiba tal-appell tiegħu.

13. Inżamm smigħ fit-30 ta’ Mejju, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-aggravju waħdieni tagħhom, il-konvenuti appellanti jsostnu li l-proċedura tal-eżumazzjoni hija waħda straordinarja u għalhekk trid tittieħed bis-serjetà u għandha titwettaq biss bħala l-aħħar rimedju. Jisħqu li hija ta’ weġa’ għalihom, bħala wlied il-mejjet Joseph Bellia, li jaraw lil persuna tant għażiża għalihom tinqala’ mill-qabar fuq talba ta’ persuna oħra li qiegħed jallega li huwa iben l-istess Joseph Bellia u li sa ftit qabel infetħet din il-kawża lanqas biss kienu jafu li jeżisti.

15. Iżidu jgħidu li biex il-Qorti tordna li titwettaq din il-proċedura, hija ma tistax toqgħod fuq sempliċi allegazzjonijiet iżda trid tkun konvinta moralment li: (i) fiż-żmien li fih tnissel fil-ġuf l-attur Luca Cachia, ommu Daniela Cachia u Joseph Bellia kellhom relazzjonijiet intimi li wasslu għall-konċepiment tiegħu; u (ii) li fl-istess żmien Daniela Cachia ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma’ terzi.

16. Il-konvenuti appellanti jtennu li l-fatt waħdu li l-attur ressaq provi biex juri li ommu kellha relazzjoni mal-mejjet Joseph Bellia, bl-ebda mod ma jfisser li dan huwa l-missier naturali tiegħu għaliex matul is-smigħ tal-kawża l-konvenuta Daniela Cachia ma kienet kredibbli xejn. Jissoktaw jgħidu li l-attur naqas milli jressaq provi siewja li jistabbilixxu xi rabta bejnu u bejn il-mejjet Joseph Bellia u f'dan ir-rigward jagħmlu referenza għal numru ta' kontradizzjonijiet li fil-fehma tagħhom iġibu fix-xejn l-verżjonijiet tiegħu u ta' ommu. Kemm hu hekk, huma jisħqu li jekk Joseph Bellia kien iqis lill-attur bħala ibnu u dejjem sab l-għajnuna tiegħu, dan ma kien xejn għajr frott tar-relazzjoni li Joseph Bellia kellu ma' omm l-attur. Isostnu li dan kollu juri li l-attur, flimkien ma' ommu, ħadmu b'mod kalkulat biex japprofittaw minn fuq il-mejjet Joseph Bellia u l-werrieta tiegħu. Itennu li l-provi mressqa mill-attur aktar fihom dubji milli ċertezzi u ma jwasslux għall-konvinzjoni morali li dak li qiegħed jallega l-attur huwa minnu.

17. Huma jagħlqu billi jgħidu li mhuwiex minnu li bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti nstab bilanċ bejn id-drittijiet ta' kulħadd. Mod ieħor, huma jilmentaw li bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti qiegħed jiġi mittiefes il-jedd tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Ifissru li fl-aħħar mill-aħħar hemm metodi oħra li jistgħu jwasslu għall-istess riżultat li sejjer jinkiseb bl-istħarriġ xjentifiku fuq il-fdalijiet tal-mejjet Joseph Bellia, fosthom billi jittieħed kampjun ġenetiku mingħand membri oħra tal-familja,

bħalma huwa ħu l-mejjet Joseph Bellia.

18. Din il-Qorti titlaq billi tagħraf li l-iżvilupp fil-mediċina ġenetika li sar fl-aħħar snin ħaffef mhux ftit ix-xogħol ta' min jeħtieġlu jiġġudika kawża ta' filjazzjoni bħal din u għamilha possibbli li l-Qorti tiġġudika każ hekk delikat b'kuxjenza aktar kwieta. Kemm hu hekk, il-liġi tagħti piż qawwi ħafna lill-prova miksuba permezz tal-istħarriġ ġenetiku għaliex dan huwa l-uniku metodu xjentifiku li bih wieħed jista' jiddetermina b'ċertezza l-paternità ta' wild u b'hekk il-valur probattiv tiegħu jegħleb b'mod sostanzjali kull prova oħra, fosthom dik dwar jekk kienx hemm relazzjoni intima bejn omm il-wild u l-allegat missier (ara ***Kalacheva v. Ir-Russja*** maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Mejju, 2009 u ***Lawrence Bordieri et v. Anne Marie Chetcuti Ray et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2023).

19. Issa fir-rikors tal-appell tagħhom, il-konvenuti aħwa Bellia jilmentaw li l-ordnijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti qegħdin ixellfu d-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Għalkemm, fl-appell tagħhom l-appellanti Bellia ma jagħmlux referenza għal xi artikolu tal-liġi, din il-Qorti qiegħda tifhem li b'dan l-argument huma qegħdin isostnu li l-ordnijiet tal-Ewwel Qorti sejrin jiksrulhom id-dritt fundamentali tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif imħares bl-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

20. L-għan ewlieni wara l-**Artikolu 8**, hawn fuq imsemmi, huwa li jħares l-individwu minn indħil arbitrarju ta' awtoritajiet pubbliċi (ara ***P&S v. Il-Polonja*** mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-30 ta' Ottubru 2012 u ***Nunez v. In-Norveġja*** maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Ġunju, 2011). Kif imtenni minn **William A. Schabas** fl-opra tiegħu ***The European Convention on Human Rights: A Commentary****,* f'paġna 366*, «The wording (of article 8) suggests a profounding negative right to be left alone.»*

21. Din il-Qorti tagħraf li l-konvenuti aħwa Bellia sejrin iġarrbu ndħil fil-ħajja privata tagħhom u kif ukoll tal-mibki missierhom jekk kemm-il darba l-fdalijiet ta' missierhom Joseph Bellia jinqalgħu mill-qabar sabiex isir l-eżami ġenetiku fuqhom. Tassew, il-proċedura tal-ħruġ mill-qabar tal-fdalijiet ta' persuna tant għażiża għalihom tista' tkun ta' wġiegħ ta' qalb għalihom u hija waħda straordinarja għaliex ixxekklu milli jitħalla jistrieħ fil-paċi. Madankollu, m'għandux ikun hemm dubju li dan l-indħil huwa wieħed ġustifikabbli skont it-tieni pargrafu tal-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

22. Fil-każ tagħna, l-ordni biex isir l-eżami ġenetiku fuq il-fdalijiet ta' Joseph Bellia saret skont l-**Artikoli 70A** u **100A tal-Kodiċi Ċivili**. Issa skont il-ġurisprudenza biex indħil ikun skont il-liġi, jeħtieġ mhux biss li jsir

taħt is-saħħa ta’ xi liġi li tkun fis-seħħ, kif inhuwa sewwasew dan il-każ, imma wkoll li t-twettiq ta’ kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b’mod li ħadd ma jista’ jobsru (ara ***Olsson v. L-iSvezja (Nru. 1)*** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-24 ta’ Marzu, 1998). Min-naħa l-oħra biex miżura ta’ ndħil tkun titqies bħala waħda meħtieġa f’soċjetà demokratika, irid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq (ara ***Gillow v. Ir-Renju Unit*** mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-24 ta’ Novembru, 1986) u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-ċertezza tad-dritt (ara ***Leander v. L-iSvezja*** maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta’ Marzu, 1987).

23. Biex l-eżami ġenetiku jitqies li jmur lil hemm mill-parametri tal-proporzjonalità mistennija taħt l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, irid jirriżulta li min talab eżami bħal dak ikun naqas fih l-interess li jitolbu, jew ikun ittraskura r-rimedju mfittex minnu, jew ikun mexa b’mod li jkun donnu rrinunzja għalih jew inkella ma jkunx fittxu b’għaqal (ara ***Pavlik v. L-iSlovakkja*** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta’ Ottubru, 2006). Il-fatt li l-Istat jagħżel li jagħmel eżami bħal dak wieħed obbligatorju ma jwassalx għal ksur tal-**Artikolu 8**, hawn fuq imsemmi, minħabba ndħil żejjed jew nuqqas ta’ proporzjonalità. Għall-kuntrarju, dan huwa element ta’ azzjoni pożittiva meħuda mill-Istat biex iħares il-jedd ta’

min ikun qiegħed ifittex li jistabbilixxi l-paternità tiegħu, filwaqt li jżomm bilanċ bejn il-jeddijiet li jistgħu jkunu kunfliġġenti bejn il-wild u l-ġenitur naturali jew il-werrieta tiegħu (ara ***Mikulic v. Il-Kroazja*** mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Settembru, 2002, ***Backlund v. Il-Finlandja*** maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Lulju, 2010 u ***Diana Abdilla v. Francesco Saverio sive Frank Mifsud et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Ġunju, 2015).

24. Tassew, ir-rispett għall-ħajja privata jeħtieġ li kulħadd għandu jkun f'qagħda li jistabbilixxi d-dettalji tal-identità tiegħu bħala bniedem individwali. M'hemmx dubju li d-dritt tal-individwu għal dan it-tagħrif, fosthom il-jedd li jikxef il-verità dwar l-identità tal-ġenituri tiegħu, huwa importanti ferm għalih għaliex dan jagħġen il-personalità u l-identità tiegħu (ara ***Calin u oħrajn v. Ir-Rumanija*** mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-19 ta' Lulju, 2016).

25. Fl-istess waqt, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-ħarsien tad-drittijiet ta' terzi persuni, jista' jkun ta' tfixkil biex dawn jiġu mġiegħla jersqu għal testijiet mediċi, fosthom l-eżami ġenetiku. Għalhekk, kif tajjeb irraġunat l-Ewwel Qorti, f'każijiet bħal dawn min jiġġudika jeħtieġlu jikseb bilanċ bejn id-drittijiet ta' dawk li jkun jridu li jitwettaq l-eżami ġenetiku u dawk li ma jkunux iridu. Meta tiġi biex tiżen l-interessi differenti tal-partijiet f'kawża partikolari bħal din, il-Qorti trid tqis min-naħa l-waħda, id-dritt tal-

attur li jistabbilixxi min huma l-ġenituri tiegħu u min-naħa l-oħra, id-dritt ta' terzi li ma ssirx ħsara lill-fdalijiet ta' qrabathom, id-dritt li ma jonqosx ir-rispett lejn il-mejjet u l-interess pubbliku li tinkiseb iċ-ċertezza legali (ara ***Jaggi v. L-iSvizzera*** maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-13 ta' Lulju, 2006).

26. Fil-każ tagħna, din il-Qorti jidhrilha li mill-provi li ressaq sa issa l-attur, dan irnexxielu juri li huwa għandu interess sħiħ li jitwettaq l-eżami ġenetiku, kemm fuqu u kif ukoll fuq il-fdalijiet tal-mejjet Joseph Bellia. Dan huwa sewwasew każ fejn l-indħil fil-ħajja privata tal-appellanti Bellia u tal-mejjet Joseph Bellia huwa ġustifikat għaliex għandu l-għan li jistabbilixxi l-identità personali tal-attur u jħares l-interess patrimonjali tiegħu fir-rigward ta' Joseph Bellia jekk kemm-il darba r-riżultanzi tal-eżami ġenetiku juru li dan huwa l-missier bijoloġiku tiegħu (ara ***Loraine Attard pro et nomine v. L-Avukat tal-Istat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Diċembru, 2021).

27. Tabilħaqq, matul is-smigħ tal-provi, l-attur irnexxielu jressaq prova tajba tar-relazzjoni li huwa kellu ma' Joseph Bellia. Kemm hu hekk, fl-atti wieħed isib: (i) numru ta' messaġġi li ntbagħtu bejnu u bejn Joseph Bellia, fosthom dak fejn l-attur ta l-awgurju ta' Jum il-Missier lil Bellia u dan irringrazzjah lura; (ii) numru ta' ritratti tal-attur flimkien ma' Joseph Bellia, fejn saħansitra f'uħud minnhom dan tal-aħħar jidher flimkien mal-attur

jaqsam il-kejk ta' għeluq snin l-attur; (iii) ix-xhieda tat-tfajla tal-attur, Trudie Buhagiar Argento, fejn din stqarret li hija ltaqgħet ma' Joseph Bellia u tafu bħala missier l-attur; u (iv) x-xhieda ta' Carmelo Farrugia, li kien ħabib tal-mejjet Joseph Bellia u fisser li dan tal-aħħar kien jgħidlu li l-attur jiġi ibnu.

28. Minbarra dan, il-konvenuta Daniela Cachia, li tiġi omm l-attur, qiegħda taqbel mal-pożizzjoni ta' binha f'din il-kawża, *viz.* li huwa jiġi magħruf bħala iben Joseph Bellia, u matul is-smigħ tal-kawża xehdet: (i) li hija damet f'relazzjoni ma' Joseph Bellia tul iż-żmien kollu bejn is-snin 1998 u 2015; u (ii) li f'dan iż-żmien kollu, li matulu twieled l-attur, hija kellha relazzjonijiet intimi biss ma' Joseph Bellia. Min-naħa l-oħra, l-appellanti Bellia ma ressqu ebda prova li Daniela Cachia kellha xi relazzjoni intima ma' rġiel oħra fl-istess żmien li fih tnissel l-attur. Anzi, minn qari tar-rikors tal-appell tagħhom, jidher li huma qegħdin jaqblu li omm l-attur kienet f'relazzjoni ma' missierhom Joseph Bellia fil-passat.

29. Issa huwa minnu li f'każijiet bħal dan, wieħed ma jistax iqis il-kelma ta' omm il-wild li qiegħed ifittex il-paternità tiegħu bħala Vanġelu għaliex l-omm jista' jkollha motivazzjonijiet ulterjuri biex tagħmel dikjarazzjoni bħal din, li wħud minnhom jista' jkollhom l-għan li jaħarbu mill-ġustizzja u jaħbu l-verità. Madankollu, din id-dikjarazzjoni tal-omm trid tingħata l-attenzjoni u l-piż li jixirqilha fid-dawl tal-provi kollha li jkunu tressqu (ara

***Privitera nomine v. Meli*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar, 1889, ***Joseph Camilleri v. Sharon Camilleri magħrufa wkoll bħala Sharon Kitcher pro et noe et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2003 u ***Martin Portelli v. Rebecca Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2005).

30. Meta tqis il-provi miġjuba mill-partijiet kollha flimkien, b'mod partikolari r-ritratti u l-messaġġi hawn fuq imsemmija u d-dikjarazzjoni tal-omm, din il-Qorti tħoss li l-attur irnexxilu juri li bejnu u bejn il-mejjet Joseph Bellia kien hemm rabta li tixbah ferm lil dik ta' bejn iben u missier. Fl-istess waqt, ma ntweriex li l-attur b'xi mod irrinunzja għall-jedd tiegħu li jsir jaf min tassew huwa missieru jew li huwa ma użax b'għaqal ir-rimedji li tagħtih il-liġi f'dan ir-rigward. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis ukoll li l-konvenuti ma sejsux l-oppożizzjoni tagħhom għall-qlugħ mill-qabar ta' ġisem missierhom biex jittieħed minnu kampjun ġenetiku, fuq raġunijiet filosofiċi jew reliġjużi.

31. Terġa' u tgħid, għalkemm fl-appell tagħhom, il-konvenuti Bellia saħqu li l-eżami ġenetiku jista' jsir billi jittieħed kampjun ġenetiku mingħand membri oħra tal-familja tal-mejjet Bellia, u b'hekk tiġi evitata l-eżumazzjoni ta' missierhom, fl-istess waqt huma qagħdu lura milli joffru li jitteħdilhom kampjun ġenetiku sabiex jiġi determinat jekk huma u l-attur humiex tassew aħwa mill-istess missier.

32. Għalhekk, meqjus dan kollu, din il-Qorti tmil aktar lejn il-pożizzjoni tal-attur li l-mejjet Joseph Bellia għandu jinqala' mill-qabar sabiex jitwettaq l-eżami ġenetiku. Wara kollox, il-kejl li jrid jiġi użat hawnhekk biex jiġi deċiż jekk għandux jitwettaq dan l-eżami huwa dak tal-***probabilis causa litigandi*** u mhux tal-***iusta causa litigandi***. F'dan il-każ, mill-provi li tressqu, din il-Qorti tinsab sodisfatta li hemm ċans tajjeb li l-mejjet Joseph Bellia tassew jista' jkun il-missier naturali tal-attur. B'hekk ikun xieraq li jitwettaq l-eżami ġenetiku fuq il-fdalijiet tal-mejjet Bellia sabiex tiġi stabbilita darba għal dejjem din il-probabbiltà.

33. Għalhekk l-appell tal-konvenuti aħwa Bellia qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenuti Alexia Borg Bellia u Clayton Bellia u tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Lulju, 2023. L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenuti aħwa Bellia.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **<u>tordna</u>** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bil-

għan li jissokta s-smigħ ta’ din il-kawża quddiemha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss